2024/2565

27.9.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/2565

tat-23 ta' Settembru 2024

li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Rumanija, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Rumen,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fil-11 ta' Frar 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2021/172 ([2]), li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Rumanija, fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Gheorghe DĂMIAN, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Cosmina-Ramona PANDELE, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(5) Il-Gvern Rumen ippropona lis-Sa Cosmina-Ramona PANDELE, rappreżentanta ta' korp lokali li għandha mandat elettorali ta' awtorità lokali, *primarul comunei Berceni, județul Prahova* (Sindku tal-komun ta' Berceni, kontea ta' Prahova), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

(6) Il-Gvern Rumen ippropona lis-Sur Gheorghe DĂMIAN, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *primarul comunei Ciugud, județul Alba* (Sindku tal-komun ta' Ciugud, kontea ta' Alba), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membru:

— Is-Sa Cosmina-Ramona PANDELE, *primarul comunei Berceni, județul Prahova* (Sindku tal-komun ta' Berceni, kontea ta' Prahova),

u

(b) bħala membru supplenti:

— Is-Sur Gheorghe DĂMIAN, *primarul comunei Ciugud, județul Alba* (Sindku tal-komun ta' Ciugud, kontea ta' Alba).

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13, ELI http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/172 tal-11 ta' Frar 2021 li taħtar membru u membru supplenti, propost mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 50, 15.2.2021, p. 7, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dec/2021/172/oj? locale=mt).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2024.

Għall-Kunsill
Il-President
FELDMAN Z.